

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

Sett. - Ott. / Nov. - Diċ. 2005 Nru 146/147



## *Messaġġ mill-Arċipriet*

**Mons. Ġużeppi Farrugia**
sangorg@onvol.net

Insellem, għal darb'oħra u mill-qalb, lill-qarrejja tar-rivista tagħna *Il-Belt Victoria.* Din hija rivista li ilha toħroġ f'dan il-format għal dawn l-aħħar 30 sena jew aktar u b'isem li jmur lura sas-snin ħamsin tas-seklu li għada. Hija rivista li għandha tissokta toħroġ għax tikkostitwixxi *link*, jiġifieri, kuntatt materjali tal-parroċċa mal-parruċċani u l-ħbieb tagħha. Dan qed ngħidu b'rikonoxxenza għal dawk li ħadmu fuq din ir-rivista għal snin twal, ewlieni fosthom is-Sur Michael Cassar, editur tagħha għal bosta snin.

### Grazzi Michael... grazzi kontributuri

Din l-edizzjoni ta' *Il-Belt Victoria* qed toħroġ b'editur ġdid wara li s-Sur Michael Cassar kien ilu ħafna jitlob li l-inkarigu li ilu jkopri għal bosta snin jgħaddi fuq spallejn ġodda. Jiena xtaqtu jissokta b'din il-ħidma li, għal bosta snin, hu wettaq b'tant reqqa, dedikazzjoni u sagrifiċċju. Filwaqt li f'isem il-parroċċa nirringrazzja lis-Sur Cassar, nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-kontributuri kollha li kkollaboraw miegħu u nittama li kemm is-Sur Cassar u kemm dawn jibqgħu jagħtu l-kontribut tagħhom fir-rivista u fil-komunità. Fl-istess waqt nawgura lill-editur il-ġdid is-Sur Andrew Formosa.

### Il-vokazzjoni tal-volontarjat fil-parroċċa

Il-parroċċa ta' San Ġorġ hija waħda sinjura, mhux fil-flus jew fil-ġid materjali, imma f'dawk li jħobbuha, jistinkaw għaliha bħallikieku għal darhom u b'passjoni kbira jgħixu l-ġrajjiet tagħha u jaħdmu għar-riżq tagħha. F'dan huma – irrid ngħid "aħna", għax jiena nħossni wieħed minnhom – "aħna" għandna bir-raġun inħossuna mnebbħin mid-dixxipulat ta' Kristu. Lid-dixxipli tiegħu Kristu jsejħilhom għal ħidma volontarja fil-Knisja, għal ħidma li titlob passjoni u sagrifiċċju personali, għal ħidma li ħadd ma jażżarda jiddenigraha bħala "ekkleżjaliżmu". Il-volontarjat fil-parroċċa huwa l-għerq, il-bidu ta' kull volontarjat Kattoliku u, għalhekk, jagħmlu ħażin dawk li jħeġġu għall-volotarjat fl-għaqdiet Kattoliċi, jew f'fundazzjonijiet b'ispirazzjoni Nisranija, jew f'ċentri ta' appostolat, u fl-istess waqt ibaxxu l-volontarjat fil-parroċċa u jirreferu għalih f'sens negattiv bħala "parrokkjaliżmu".

*Ikompli f'paġna 11...*



F'din il-Ħarġa


*Ragħaj ġdid għad-Djoċesi* Paġna 3


*Jum Dinji taż-Żgħażagħ* Paġna 4


*Is-Seminar Parrokkjali* Paġna 6


*Kunċert Annwali tal-Banda* Paġna 12

**IL-BELT VICTORIA**
Rivista ta' kull xahrejn



Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

## Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

11.07.2005 **Miguel**, iben George Fenech u Barbara Xuereb
14.07.2005 **Tracy**, bint Michael Axiak u Rosanne Pace
31.07.2005 **Amira**, bint George Sciberras u Sandra Grech
14.08.2005 **Mariah**, bint Jason M. Portelli u Melissa Xuereb
19.08.2005 **Amy**, bint Tonio Schembri u Clarissa Cutajar
27.08.2005 **Russell**, iben Ronnie Sacco u Daniela Nancy Caruana
10.09.2005 **Kyra**, bint Joseph Cremona u Veronica Vella
22.09.2005 **Francesco**, iben Martin Cremona u Edel Debono
08.10.2005 **Nattan**, iben Joseph Attard u Fleur Griscti
15.10.2005 **Hannah Marie**, bint Keven George Saliba u Catherine Farrugia
11.12.2005 **Pawl**, iben Ġorġ Cassar u Rita Attard

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

09.07.2005 **Paul J.A. Buttigieg** u **Ritienne Cassar**
10.07.2005 **Josef Galea** u **Marion Portelli**
23.07.2005 **Jamie William Camilleri** u **Simone Grech**
31.07.2005 **Brian Grima** u **Hilda Galea**
06.08.2005 **Anthony Mario Bajada** u **Maria Schembri**
17.09.2005 **Noel Mercieca** u **Andrea Mejlak**
24.09.2005 **Franco Magrin** u **Jaclyn Anne Attard**
08.10.2005 **Saviour Farrugia** u **Rosanne Josphine Sillato**
08.10.2005 **Leon Muscat** u **Catherine Xuereb**
16.10.2005 **George Zammit** u **Lucianne Formosa**
21.10.2005 **Silvio Buttigieg** u **Myriam Borg**
10.12.2005 **Joseph Sultana** u **Josette Xuereb**

## Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat

31.07.2005 **Carmela Grech**
04.09.2005 **Philip Sammut**
09.09.2005 **Alfonza Grech**
09.09.2005 **P. Bonaventura Camilleri OFMConv.**
10.09.2005 **Nazzareno Portelli**
24.09.2005 **George Grech**
25.09.2005 **Francesca Micallef**
26.09.2005 **Karen Cefai Neurbranet**
28.09.2005 **Francesco Debono**
02.10.2005 **Liberata Gauci**
05.10.2005 **Margaret Micallef**
08.10.2005 **George Mercieca**
14.10.2005 **Louis Aquilina**
30.11.2005 **Francesco Saverio Mercieca**

## IL-WEBSITE TA' SAN ĠORĠ

**www.stgeorge.org.mt**

- Idħlu fiha ħa tkunu tafu x'inhu jiġri fil-parroċċa tagħkom.
- Għadduha lil xulxin u agħtuha lill-emigranti li għandkom.
- Ibagħtu messaġġi fuqha permezz tal-*Guestbook*.
- Agħtu s-suġġerimenti tagħkom biex titjieb.
- Qed tiġi "updated" regolarment, diversi drabi fil-ġimgħa.

# Editorjal

## Sena spiċċat, oħra sa tibda

Hekk hu, għeżież qarrejja... il-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena qegħdin magħna u s-sena 2006 fil-qrib. Tul din is-sena ġraw diversi avvenimenti fil-parroċċa tagħna. Fuq quddiem, bħassoltu, insibu l-festa, li bħal fi snin oħra reġgħet għamlet isem għaliha! Seħħu ħafna ħwejjeġ oħra u għalhekk huwa diffiċli li nsemmu kull ħaġa li ġrat fil-parroċċa tagħna. Fost l-oħrajn, fix-xahar ta' Ottubru sar is-seminar parrokkjali. Minn hawn nixtieq inkompli nenfasizza l-importanza ta' wieħed mill-punti li ħareġ f'din id-diskussjoni, jiġifieri l-ħtieġa tal-lajċi fi ħdan din il-komunità Kristjana. Dawn in-nies huma fundamentali biex il-parroċċa tkun tista' timxi dejjem aktar 'il quddiem. Diversi huma l-affarijiet li saru f'din il-parroċċa, u kollha juru kemm il-lajċi huma attivi. Fost l-oħrajn, l-organizzazzjoni tal-festa, il-*Victoria International Arts Festival*, il-pubblikazzjoni ta' diversi rivisti u kotba, bħalma hi l-enċiklopedija bilingwali *SAN ĠORĠ*... dawn huma ftit mill-ħafna inizjattivi li fihom il-lajċi huma mdaħħlin b'ruħhom u ġisimhom.

Ġrajja kbira li seħħet f'din id-djoċesi, eżattament fis-26 ta' Novembru, kienet dik tal-ħatra ta' Mons. Mario Grech bħala l-isqof il-ġdid tad-djoċesi tagħna. F'isem in-nies li jaħdmu f'din il-gazzetta nixtieq inwassal l-awguri tiegħi lill-isqof il-ġdid filwaqt li nuri l-apprezzament sħiħ lill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi tal-ħidma siewja u ħabrieka li dejjem wettaq b'risq din id-djoċesi.

Kif tistgħu taraw, minn din il-ħarġa 'l quddiem, il-format tal-gazzetta qed jinbidel. Dan għaliex is-Sur Michael Cassar ħass il-bżonn li jieqaf milli jkompli jieħu ħsieb din il-pubblikazzjoni. Aħna minn hawn nirringrazzjawh minn qalbna tax-xogħol tiegħu, xogħol li intom il-qarrejja żgur apprezzajtu tul dawn il-ħarġiet.

***Andrew Formosa***
ilbeltvictoria@yahoo.com

**Il-Festi t-Tajba!**

# Ragħaj ġdid għad-Djoċesi



Ftit sigħat qabel ma l-Knisja bdiet sena ġdida bil-mixja ta' l-Avvent, tħabbret in-nomina tas-suċċessur ta' l-Eċċellenza Tiegħu Nikol Ġużeppi Cauchi bħala Isqof ta' Għawdex. Il-Bażilika tagħna tat sehema bil-bnadar u l-qniepen!

Mons. Mario Grech, twieled il-Qala, fl-20 ta' Frar 1957, fejn kienu jgħixu l-ġenituri tiegħu sa x'ħin ilestu darhom Ta' Kerċem. Ir-Rabat studja l-*Lyceum* u s-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, minn fejn ġie ordnat fis-26 ta' Mejju 1984. Kompla Ruma fl-Università tal-Lateran (liċenzja *Utroque Jure*), waqt li wettaq ħidma pastorali. Wara kiseb id-dottorat fid-Drittu Kanoniku (il-Liġi tal-Knisja) mill-Università Pontifiċja ta' San Tumas.



Hawn Għawdex ta sehemu f'diversi parroċċi u niftakruh sew bħala responsabbli għar-relazzjonijiet pubbliċi tal-Kurja. Magħruf l-iktar bħala Vigarju Ġudizzjali (nista' niddeskrivih bħala l-kap tat-Tribunal "taż-żwiġijiet" t'Għawdex), kif ukoll Imħallef f'dak Metropolitan ta' Malta. Barra minhekk hu membru f'diversi kummissjonijiet djoċesani: Teoloġija, Familja u Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali. Mons. Cauchi wera kemm kien jafda fuqu anki b'ħatra fil-Kulleġġ tal-Konsulturi u, sena ilu, bħala kappillan Ta' Kerċem.

Jekk inħares lejn il-"kriterji" rikjesti għal Isqof (skond il-Katekiżmu u l-Kodiċi), ma nistax ma ngħidx li hu "kwalifikat" u allura għażla tajba! U ma ninsewx il-grazzja ta' l-istat!

Id-dokument tal-ħatra ngħatalu f'ċermonja qasira fil-Kurja nhar is-Sibt 26 ta' Novembru fil-preżenza ta' xi uffiċjali msejħa minn Mons. Isqof, fosthom l-Arċipriet Emeritu Mons. Salv Borg. Mons Grech stqarr: "Ngħti ħajti biex Kristu, fis-sebħ tiegħu ta' l-Iben ta' Alla li sar bniedem, ikun magħruf fil-Knisja tiegħu ħalli l-ġmiel tiegħu isebbaħ lil kull bniedem. Għandi xewqa li nagħraf aktar il-qdusija tas-saċerdozju li Ġesù fada lili u lil ħuti s-saċerdoti li huma l-egħżeż kollaboraturi tiegħi f'din il-missjoni l-ġdida. Meta nkunu 'bnedmin ta' Alla', noffru lil-lajċi dak li tassew għandhom bżonn u nħeġġuhom ikunu forza pożittiva fid-dinja tal-lum. Nagħmel ħilti kollha biex nirreċiproka l-imħabba tagħkom, bl-imħabba tiegħi."

Jien personalment diġa` offrejtlu l-kollaborazzjoni tiegħi. U ma għandi l-ebda dubju li nista', f'isem sħabi tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u f'isem il-parruċċani kollha, inwiegħed it-talb u s-sapport tagħna.

Dan sintendi sar uffiċjalment mill-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia li mexxa delegazzjoni mill-Kapitlu u l-Presbiterju f'daru. Ta' min isemmi li Mons. Grech jaf lil Mons. Farrugia s-seminarju bħala student sieħbu u wara bħala professur tat-teoloġija.

Il-Konsagrazzjoni u l-Ingress se jsiru f'Jannar u ftit wara l-Isqof il-ġdid jieħu l-pussess bħala Dekan u l-Ogħla Dinjità *ex officio* tal-Kolleġġjata tagħna. Interessanti li Mons. Grech għamlilna t-Tridu ta' San Ġorġ f'Lulju ta' din is-sena!

Din in-nomina għandha simboliżmu qawwi: fl-Avvent il-Knisja tistedinna nippreparaw biex niċċelebraw l-ewwel miġja ta' Ġesù u biex nishru għat-tieni. Id-djoċesi hi l-komunità ta' nsara (lajċi u saċerdoti) magħquda madwar l-Isqof; hi Knisja biss skond kemm hi magħquda miegħu. L-uffiċċju ta' l-isqof nista' naqsmu fi tlieta: ixandrilna l-Evanġelju, iqassmilna l-grazzja u jmexxina permezz ta' pariri u l-eżempju (kif ifakkarna l-Konċilju, bl-awtorità u t-tħaddim tas-setgħa). Kemm għandna nirringrazzjaw lil Alla li stajna nibdew dan l-Avvent bl-isem ta' Ragħaj ġdid!

Ovvjament Mons. Cauchi ma jitlaqniex: sempliċiment ma jibqax mgħobbi b'dal-piż. Ilu kważi erbgħin sena jgħallimna u jieħu ħsiebna. Jibqa' eżempju qawwi; nibqgħu niftakru l-ħidma dedikata tiegħu; inkomplu nirriflettu fuq il-ħafna diskorsi u kitbiet tiegħu.

Lilhom it-tnejn nawgurawlhom:
***Ad Multos Annos***!

**_Antoine Vassallo_**
*vasanti@waldonet.net.mt*
*(viċipresident Kunsill Parrokkjali)*

# "Ġejna nqimuh..."

## Il-pellegrinaġġ tagħna f'Köln, għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2005

Francesco Pio Attard - francescopio@waldonet.net.mt

M'hi xejn kumbinazzjoni li ġejt mitlub nikteb fuq din l-esperjenza proprju f'dan iż-żmien tal-Milied, żmien li fih il-Knisja tistedinna nieqfu naduraw lit-tarbija ta' Betlehem, lil Ġesù Kristu li twieled għalina. Din hi l-esperjenza li xtaqu jgħixu xi żgħażagħ tagħna matul dan is-sajf, meta riedu jitilgħu f'pellegrinaġġ lejn Köln, il-Ġermanja, għall-għoxrin Jum Dinji taż-Żgħażagħ, li għalih kien ukoll preżenti għall-ewwel darba l-papa Benedittu XVI. U din il-ħolma saret realtà bil-ħidma u l-impenn ta' diversi persuni.



Kienet ilha l-ħolma ta' l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia li grupp ta' żgħażagħ mill-parroċċa tagħna jagħmel xi esperjenza ta' fidi u xhieda evanġelika barra minn Malta. Li ssiefer bi grupp m'hix xi ħaġa li tqum filgħodu u tiddeċiedi li tagħmilha! Kien hemm bżonn ta' diversi preparamenti. Bil-mod il-mod il-grupp beda jieħu l-forma... żgħażagħ ġejjin, oħrajn sejrin. Fl-aħħar inġbarna grupp ta' tmintax, li flimkien ma' l-arċipriet għażilna li nidħlu għal din l-esperjenza. Fost dawn ingħaqdu magħna wkoll xi żgħażagħ li m'humiex mill-parroċċa tagħna – hekk ilkoll kemm aħna stajna nsiru nafu ftit iżjed lil xulxin. Sibna wkoll l-għajnuna imprezzabbli tal-KDŻ ta' Għawdex – fost l-oħrajn ġiet tkellimna Dorianne Portelli, li kienet għamlet l-esperjenza tal-JDŻ 2000 f'Ruma; u ftit qabel is-safra l-grupp tagħna ngħaqad ma' grupp ta' żgħażagħ mill-komunità tan-Nazzarenu, tax-Xagħra, (li wkoll kienu sa jagħmlu din l-esperjenza), għal ċelebrazzjoni ewkaristika mmexxija minn Dun Giovanni M. Curmi, bi tħejjija għal dan il-pellegrinaġġ, fil-kjostru taċ-ċentru parrokkjali tagħna. It-tnejn kienu mumenti sbieħ ħafna, li għenuna nifhmu x'valur kbir kien sa jkollu għalina dan l-avveniment, li iktar minn safra kien pellegrinaġġ.

Il-pellegrinaġġ tal-grupp tagħna kien fuq medda ta' ħmistax-il ġurnata, mill-Erbgħa 10 sa l-Erbgħa 24 ta' Awwissu 2005. L-ewwel sitt ijiem għaddejnihom f'parroċċa fi Schweinfurt, fid-djoċesi ta' Würzburg, fejn hemm kellna laqgħa sabiħa maż-żgħażagħ ta' dik il-parroċċa u ta' żewġ komunitajiet oħra qrib tagħna. Żgur li kienet ħaġa ġdida għalina lkoll ngħixu r-realtà ta' Knisja fil-Ġermanja, li hi differenti ħafna minn dik tagħna f'Malta. Insemmi biss ħaġa waħda – il-parroċċa ma kellhiex saċerdot imma biss "operatur pastorali" jieħu ħsiebha. Għal ħafna minna wkoll kien ġdid il-fatt li għexna ma' familji li ospitawna fi djarhom tul dawn il-ġranet. Kellna wkoll dawriet kulturali ma' diversi nħawi, biex sirna nafu ftit aħjar il-Ġermanja. Dawn il-ġranet kienu msejħin *Days of encounter*, u tabilħaqq, bnejna ħbiberiji ġodda li wieħed jista' jara li għadhom sħaħ bejn iż-żgħażagħ tagħna u dawk ta' Schweinfurt.

Il-qofol ta' din l-esperjenza fil-Ġermanja kien il-jiem proprji tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, li saru fil-belt ta' Köln. F'dawn il-jiem aħna qgħadna għand il-familji ta' Ratingen, ftit 'il barra miċ-ċentru ta' l-attivitajiet. Hawn mill-ġdid ġejna milqugħa mhux ftit mill-komunità tal-post. Magħna kien hemm gruppi oħra, fosthom anki minn Malta, peress li l-*English-speaking* kienu flimkien. F'kull post li żorna stajt tħoss l-atmosfera ta' għaqda u ferħ... gruppi minn kull naħa tad-dinja għaddejjin fit-toroq ikantaw, jieqfu jkellmuk u jitolbuk tifkira ta' pajjiżek avolja ma jafukx. Köln għamilniha tagħna, taż-żgħażagħ ta' Kristu, għal dawn il-ftit jiem!

Il-mumenti importanti kienu l-Ewkaristija tal-ftuħ li saret fi *stadium* kbir tal-futbol; il-Liturġija tas-Sigħat; il-katekeżi tassew b'differenza li kienet issir fil-parroċċa, bis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni fiha u ċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija fi tmiemha; il-pellegrinaġġ tagħna lejn il-katidral mill-isbaħ ta' Köln, fejn it-tradizzjoni tqim ir-relikwi tas-Slaten Maġi (u dan jorbot din il-belt Ġermaniża mat-tema li l-papa Ġwanni Pawlu II kien għażel għal dan il-JDŻ); il-merħba lill-papa fuq ix-xmara Rhine; u, bla dubju, il-velja tas-Sibt u l-Ewkaristija ta' nhar il-Ħadd 21 ta' Awwissu, iċċelebrati flimkien mal-papa. Dawn l-aħħar żewġ mumenti sinifikattivi seħħu f'Marienfeld, medda kbira ta' art li laqgħet fiha 'l fuq minn miljun u mitejn elf f'żgħażagħ, li ħafna minnhom raqdu hemm fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd, kif għamilna aħna... din kienet waħda mill-isfidi diffiċli li ridna nirbħu, wara li konna mxejna għal sigħat sħaħ biex wasalna f'dan il-post. F'Marienfeld, bil-Malti "L-Għalqa ta' Marija", kien hemm atmosfera mill-isbaħ, ta' ġabra u għaqda, u attenzjoni kbira lejn il-kliem



tal-papa. Kienu mumenti qawwija ħafna li żgur jibqgħu fil-qalb ta' kull membru tal-grupp tagħna.

L-aħħar jumejn, meta kienu ntemmu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-JDŻ, għaddejnihom nistrieħu u nżuru xi postijiet kulturali ta' interess, fosthom Aachen, il-belt medjevali ta' Karlu l-kbir. Rġajna żorna l-katidral ta' Köln, u l-knejjes li fihom midfuna San Albertu l-kbir u Johannes Dun Scotus.

Lura magħna ġibna ħażna ta' esperjenzi li mhux faċli jintesew. Din l-esperjenza kienet importanti biex issaħħaħ, u – f'ċertu sens – iġġedded il-grupp taż-żgħażagħ fil-parroċċa tagħna. Immotivati minn din l-esperjenza tal-JDŻ f'Köln, rġajna tajna imbuttatura 'l quddiem liċ-



ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija f'San Ġorġ, organizzata mill-grupp tagħna *23four*, issa kull l-ewwel Ħadd tax-xahar. Magħna hemm ħafna oħrajn li m'għamlux din l-esperjenza, imma l-grupp tagħna diġà qed iħares lejn il-possibbiltà ta' esperjenzi oħra 'l quddiem.

Ta' min irodd ħajr lill-membri kollha tal-grupp, li ħadmu id f'id biex din l-esperjenza tgħaqqadna iktar flimkien u tgħinna nsiru nafu iżjed lil xulxin; imma grazzi lill-arċipriet tad-dedikazzjoni tiegħu, u lil David Camilleri tas-sehem fil-ko-ordinazzjoni sħiħa ta' din l-esperjenza flimkien magħna s-seminaristi.

U fl-aħħar, ma nistax ninsa l-għan li għalih morna għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ u l-aħbar it-tajba li ġejna nxerrdu lil kulħadd – aħna morna nqimuH, morna nqimu lit-tarbija ta' Betlehem: hemm fi ħdanha sibna l-ferħ, u issa dan il-ferħ nixtiequ nxerrduh lilkom ilkoll…

***"Venimus adorare eum."***

*Esperjenza indimentikabbli! Il-fatt li kont wieħed minn folla ta' 'l fuq minn miljun ruħ, huwa xi ħaġa li qatt ma esperjenzajt qabel. Imma dan il-fatt huwa isbaħ meta nafu li din il-folla enormi nġabret biex taduraH. Kienet folla mimlija nies ta' diversi nazzjonijiet, kulturi, ideat, razzez, iżda lkoll b'għan wieħed. Ħaġa oħra li laqtitni kienet il-mod kif avolja nies li qatt ma ltqajna qabel, konna nifirħu b'xulxin u ma' xulxin anki saħansitra waqt li mixjin fit-toroq prinċipali ta' xi belt bħalma hi Cologne.*

*Żgur li ma nistax ninsa lill-familji li ospitawna waqt il-pellegrinaġġ tagħna għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Għalkemm in-numru tal-Kattoliċi fil-Ġermanja huwa verament baxx, dawn in-nies urewna li l-konvinzjoni reliġjuża tagħhom hija soda ħafna u żgur li rnexxielhom jgħaddulna messaġġ!*

*Nispera li kemm jien u kemm sħabi, ma ninsew l-ebda mument li qattajna flimkien biex b'hekk inkunu nistgħu nwasslu lil ħaddieħor dak kollu li tgħallimna minn din l-esperjenza li żgur ħalliet effett fuq il-ħajja nisranija tagħna.*

*Ma nistax nagħlaq dawn il-kelmtejn mingħajr ma nirringrazzja lil sħabi li tlajna flimkien għal din l-esperjenza, speċjalment lill-arċipriet Farrugia, li grazzi għalihom, nista' nħares lura lejn din l-esperjenza b'mod li ngħid li verament kienet waħda ta' ferħ kemm materjali u bil-wisq iktar ferħ nisrani!*

***Paul Refalo***

## EJJEW NADURAWH

Ma nafx x'ser nikteb iżjed
dwar il-ġrajja tal-Milied;
sena ġejja w oħra sejra
din il-festa reġgħet ġiet.

Iktar kmieni din is-sena
lil Ġesù morna nqimuh
fil-Ġermanja qrib il-Maġi
li r-rigali marru j'tuh.

Għaliex skond it-tradizzjoni
il-fdal tagħhom hu f'Kolonja
fejn iż-żgħażagħ kollha ltaqgħu –
hekk xtaq Karol mill-Polonja.

Dawk ix-xhur tgerbu u marru,
tagħhom fadal it-tifkira;
ma' Diċembru l-Milied jasal
tagħna lkoll jisfa l-mira.

Mhux biżżejjed illi nibnu
il-presepju ġewwa d-dar,
bil-mijiet l-anġli jittajru,
ikantaw hienja fuq l-għar.

Bħar-Re Maġi rridu ninżlu
għarkubbtejna nadurawh
u nifhtulu qalbna beraħ
ħa jħaddanna ma' dirgħajh.

Lesti aħna biex bħall-Maġi
naqsmu xmajjar, mogħdijiet,
nidħlu umli fl-għar ta' Betlem
mnejn il-fidwa tagħna bdet!

Ejjew, ħbieb, la l-Milied wasal,
nagħmlu l-almu kollu tagħna
biex Ġesù ċkejken tarbija,
ħaġa waħda lkoll jarana.

Inwiegħduk, o Bambin ħelu,
b'qalbna kollha nħobbuk,
ħa nkunu għalik maxtura
bin-nifs tagħna nsaħħnuk.

***Kav. Joe M. Attard***
Diċembru 2005

# Is-Seminar Parrokkjali



Bħal kull sena, din il-parroċċa torganizza s-seminar parrokkjali, bl-iskop prinċipali jkun li jiġu diskussi diversi temi kurrenti li għandhom x'jaqsmu mal-parroċċa. Din is-sena dan is-seminar ġie mlaqqa' f'*Manresa House*, nhar is-sibt 15 ta'Ottubru. Din is-sena, dan is-seminar kellu l-iskop fost l-oħrajn li jiddiskuti l-volontarjat fi ħdan il-parroċċa kif ukoll jiġbed nies ġodda fi ħdan il-parroċċa. Kif inhu xieraq, din il-laqgħa bdiet bi ftit mumenti ta' talb. Ta' min jgħid li dan is-seminar kellu attendenza konsiderevoli ta' lajċi. Wara l-ftit mumenti ta' talb, bdiet l-laqgħa bl-indirizz tal-Kan. Joe Grech, l-arċipriet ta' l-Isla. Tul l-messaġġ tiegħu enfasizza l-importanza li jkun hemm diskussjoni u djalogu mad-diversi entitajiet tal-parroċċa. L-arċipriet ta' l-Isla, l-Kan. Joe Grech kompla billi qasam l-esperjenza personali tad-diversi pożizzjonijiet li kellu qabel ma laħaq arċipriet.

Hekk kif l-Kan. Joe Grech spiċċa mill-indirizz tiegħu, kien imiss lin-nies preżenti li jaqsmu l-ideat tagħhom. Kienu diversi n-nies li qajmu diversi punti importanti u interessanti, fost l-oħrajn l-importanza tat-tagħlim tal-katekiżmu, l-familja nisranija fis-soċjetà tal-lum kif ukoll ideat ġodda ta' kif nanimaw il-quddies, speċjalment dik tal-Ħadd.

Punti oħra ġew imqajma tul it-tliet sigħat diskussjoni.

Diversi entitajiet fi ħdan il-parroċċa kienu preżenti, bħall-MUSEUM, Azzjoni Kattolika, il-grupp *23Four*, il-kor *Laudate Pueri*, membri mill-istaff tar-radju komunitarju *Leħen il-Belt Victoria* kif ukoll miċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb. Is-seminar spiċċa b'indirizz mingħand l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex. Hekk kif spiċċat il-laqgħa, numru minn dawk qagħdu għall-ikla ta' nofsinhar fl-istess post fejn saret il-laqgħa.



# Il-Magħmudija tal-Qniepen

## (*Ex "Liber Baptizatorum" Parrociae S. Georgii Martyris, Vol. XIV*)

*traduzzjoni ta'* Dun Ġużepp Gauci




*Lapida kommemorattiva f'għeluq it-tmenin sena anniversarju tal-wasla tal-qniepen fil-Bazilka.*

Fis-sena nisranija 1925, fil-jum 24 ta' Settembru, meta kien papa Piju XI, u isqof ta' Għawdex Mikiel Gonzi B.Lit., J.Can. ,B., D.D., J.C.D. u arċipriet tal-knisja katidrali u parroku tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri Alfons M. Hili Grech, bil-ħidma tal-W.Rev. Kan. Franġisku Portelli u tas-saċerdot Dun Karm Hili, vigarju parrokkjali, l-Eċċ. Rev.ma T. Mons. Mikiel Gonzi, isqof, imsieħeb minn folla kbira ta' kanonċi, saċerdoti u fidili nsara, fil-misraħ ta' quddiem il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri, bierek u kkonsagra l-ħames qniepen ġodda għall-istess tempju, li ġew maħdumin f'Milan, fil-fabbrika tas-Sur Prosepu Baricozzi; l-ewwel waħda hi b'ġieħ lil San Ġorġ Martri, Ġesù fl-Ewkaristija u l-imqaddsa verġni Marija mtellgħa s-sema, l-oħra f'ġieħ il-Familja ta' Nazaret – Ġesù, Marija u Ġużeppi, kif ukoll San Pawl Missierna Appostlu u San Alfons duttur u konfessur; it-tielet waħda hi f'ġieħ San Franġisk ta' Assisi u Santa Ursola, patruna u Santa Katerina, it-tnejn verġni u martri; ir-raba' waħda hi f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu, San Ġużepp l-għarus tagħha u San Mikiel arkanġlu; filwaqt li l-ħames hi f'ġieħ San Mikiel arkanġlu, San Ġużepp u Ġesù msallab.

Bħala parrini kienu preżenti l-Onor. Ministru tal-Gvern Malti, Enriku Mizzi L.L.D., Karmelu Mifsud M.D., Ġwanni Adami L.L.D., Karlu Mallia L.L.D., in-nutar Salvu Borg Olivier, president. Imbagħad, wara li tqiegħdu f'posthom, fil-jum 11 ta' Ottubru ta' l-istess sena, sar jum ta' esposizzjoni Ewkaristika solenni u, wara l-għasar u priedka, intqal ir-rużarju, ingħatat il-barka appostolika mill-arċipriet, tkantat l-antifona ta' San Ġorġ Martri u l-Innu Ambrożjan (*Te Deum*) u ngħatat il-barka Ewkaristika.

**Tmenin sena wara**

Eżattament tmenin sena wara reġa' saret tifkira biex tikkommemora din il-ġrajja. Din saret b'diversi ġrajjiet, l-ewwel u qabel kollox b'konċelebrazzjoni nhar il-Ġimgħa 24 ta' Settembru fil-Bażilika ta' San Ġorġ fid-disgħa ta' fil-għodu. Kif kien jixraq, l-għaqda tal-qniepen ta' San Ġorġ ħejjiet programm speċjali għal dan l-anniversarju. Il-qniepen indaqqu lejlet l-anniversarju, 23 ta' Settembru mis-sebgħa u nofs ta' fil-għaxija sad-disgħa ta' filgħaxija. Fit-tmenin sena anniversarju, il-programm kien jikkonsisti f'erba' moti ta' għoxrin minuta l-waħda: mis-sebgħa u nofs ta' fil-għodu sad-disgħa ta' fil-għodu kif ukoll min nofs in-nhar sas-siegħa u nofs ta' wara nofs in-nhar. Il-

programm spiċċa b'mota oħra ta' tliet kwarti, din id-darba tibda fis-sebgħa u nofs ta' fil-għaxija.

**B'tifkira**

Qed inġibu hawnhekk il-kitbiet li jinqraw fl-istess qniepen taħt ix-xbihat tal-qaddisin li ġew imsemmijin hawn fuq u taħt l-stemmi tal-papa, ta' l-isqof u ta' l-arċipriet:

**I**

Fis-sena tal-Mulej 1925
meta Piju XI kien papa,
Mikiel Gonzi isqof ta' Għawdex
u Alfons M. Hili arċipriet,
bis-sehem kbir
tal-poplu tal-belt Għawdxija
lil Ġorġi Megalomartri patrun
ġiet mogħtija b'qima.

**II**

Lill-Familja ta' Nazareth,
Ġesù, Marija u Ġużeppi,
lill-appostlu Pawlu Missierna
u patrun bl-għotijiet tal-fidili
u bit-taħbit ta' Dun Karm Hili
ġiet mogħtija b'qima
fis-sena tal-Mulej 1925.

**III**

Mill-għotjiet
ta' Dun Franġisk Buhagiar,
benefettur kbir tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ,
Dun Franġisk Portelli,
kanoniku tal-Knisja Għawdxija,
esekutur testamentarju,
ħa ħsieb li ssir fis-sena Kristjana 1925.

**IV**

Lil Mikiel Arkanġlu,
ġellied fil-ġlieda tal-Mulej
M.B.,
twajjeb u għaqli,
offra minn ġidu
fis-sena Kristjana 1925.

**V**

Lil Ġużeppi,
li rawwam lil Iben Alla,
u lill-prinċep tal-milizja smewwija
Ġużeppi Cordina u Mikiela,
oħtu,
taw b'wegħda
fis-sena Kristjana 1925.



## Lis-sett qniepen tal-bażilika ta' San Ġorġ f'għeluq it-tmenin sena mill-wasla tagħhom 1925 – 2005

Frank Mercieca

Sewwa sew tmenin sena ilu,
fost ċapċip, hena w ferħ kbir,
ġo dil-belt kien hemm għors qawwi,
u l-qalb b'ferħ kienet sa ttir.

Għaliex niesna ta' l-imgħoddi
bla waqfien, mingħajr serħan,
ma straħitx qabel ma twettqet
din il-ħolma, dan il-għan.

Is-snin jgħaddu, iż-żmien igerbeb,
iżda b'għaġeb ta' kulħadd,
bqajna ħbieb, bqajna ta' ġewwa,
minn xulxin ma nfridna qatt.

Min jaf kemm int semmajtilna
dak il-leħen kiebi w tqil,
kif minn niesna aħna nftamna,
jew f'xi żmien kiefer, qalil.

Iżda biex nistqarr is-sewwa,
inti kont illi serraħt
qlub imnikkta, qlub muġugħa;
qlub miġruħa int ferraħt.

Jiena mmur, ma nerġax niġi;
jien nintesa f'għamża t'għajn;
kull għamil li hu għaddieni
għad jintrifes mas-saqajn.

Minn San Ġorġ, maqdes fuqani,
ressaqna int lejn il-Mulej,
biex il-qalb tibqa' tixxennaq
u tixxewwaq f'dak li ġej.

# Mid-Djarju tal-Parroċċa



*Preżentazzjoni ta' l-Enċiklopedija bilingwali ta' San Ġorġ*



*Zjara uffiċjali tal-President ta' Malta, Dr. Edward Fenech Adami – 23.10.2005*



*Inawgurazzjoni ta' l-orgni l-ġdid b' kunċert mill-Prof. Richard Vendome – 28.10.2005*

*Pellegrinaġġ organiżżat mill-parroċċa ta'San Ġorġ għal Lourdes – 29.07.005*






*L-ewwel min sensiela ta' quddies taż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ organiżżata mill-grupp 23four kull l-ewwel Ħadd tax-xahar – 02.10.2005*

# Attivitajiet importanti fil-Bażilka fi żmien il-Milied



*Is-Sibt, 24 ta' Diċembru 2005*

**VĠILI TAT-TWELID TA' SIDNA ĠESÚ KRISTU**

***Il-Lejla tal-Milied***

*4.30pm:* Kant Solenni ta' l-Ewwel Għasar ippesedut minn Mons. Salv Borg, Arċipriet Emeritu.

*11.30pm:* Liturġija tal-kant tas-Salmi u l-Qari. Priedka tal-Milied mit-tfajjel Keith Vella, abbati fil-Bażilika, u Konċelebrazzjoni Solenni mill-kapitlu u l-kleru ppreseduta mir-Rev.mu Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet. Ikanta l-Kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġorġ Frendo.

*Il-Ħadd, 25 ta' Diċembru 2005*

**SOLLENNITÀ TAT-TWELID TA' SIDNA ĠESÚ KRISTU**

***Nhar il-Milied***

*10.30am:* Talb ta' Sbiħ il-Jum u ta' l-Ewwel Siegħa mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata.

*11.00am:* Konċelebrazzjoni Pontifikali ppreseduta mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu ta' Għawdex u Dekan Emeritu tal-Kolleġġjata. Ikanta l-Kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġorġ Frendo.

*4.30pm:* Kant Solenni tat-Tieni Għasar tal-Milied ippresedut minn Mons. Carmelo Scicluna, Kanonku Kantur tal-Kolleġġjata. Tkanta li-*Schola Cantorum Gregoriana.*

*It-Tlieta, 27 ta' Diċembru 2005*

**SOLLENNITÀ LATERANENSI TA' SAN ĠWANN APPOSTLU U EVANĠELISTA**

*6.00pm:* Konċelebrazzjoni Solenni b'radd il-ħajr speċjali f'għeluq it-30 sena mit-twaqqif tal-*Chorus Urbanus.* Ikanta l-kor *Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea.

*Il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru 2005*

**FESTA TAL-FAMILJA MQADDSA**

*6.00pm:* Quddiesa għall-koppji miżżewġin u wliedhom, b'talb speċjali għall-familji tal-Parroċċa.

*7.00pm:* Riċeviment għall-kollaboraturi tal-Parroċċa.

*Is-Sibt, 31 ta' Diċembru 2005*

**FESTA LATERANENSI TA' SAN SILVESTRU, PAPA**

*9.00am:* Quddiesa li tagħti bidu għal nofs ta' nhar Adorazzjoni Solenni, f'kontinwazzjoni mal-quddies ta' filgħodu, b'radd-il ħajr għas-sena 2005 li waslet biex tintemm.

*5.00pm:* Konċelebrazzjoni Pontifikali ppreseduta minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi bil-kant solenni tat-*Te Deum* b'radd il-ħajr lil Alla fi tmiem is-sena. Ikanta l-kor *Laudate Pueri.*

*Il-Ħadd, 1 ta' Jannar 2006*

**SOLLENNITÀ TA' MARIJA, OMM ALLA**

*11.00am:* Konċelebrazzjoni Pontifikali ppreseduta minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Ikanta l-kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġorġ Frendo.

*4.30pm:* Kant tat-Tieni Għasar mill-Kapitlu u l-Kleru.

*Il-Ħadd, 8 ta' Jannar 2006*

**SOLLENNITÀ TA' L-EPIFANIJA TAL-MULEJ**

*9.00am:* Konċelebrazzjoni Konventwali Solenni ppreseduta mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia. Tkanta l-*Cappella Gregoriana.*

*Messaġġ mill-Arċipriet*
***Mons. Ġużeppi Farrugia*** *...ikompli minn l-ewwel paġna.*

**Il-benefatturi ta' San Ġorġ**
Dawk kollha li jwieġbu għas-sejħa tal-volontarjat fil-parroċċa mhux talli m'għandhomx jiġu mweġġa' imma għandhom jiġu mfaħħra bl-isem ta' "benefatturi" tal-Knisja. Imma hawnhekk nixtieq nirreferi għall-benefatturi kollha ta' San Ġorġ, inklużi dawk li flok il-ħidma tagħhom, jew flimkien magħha, jagħtu flushom għal San Ġorġ. Il-flus li nagħtu għall-parroċċa, anki f'għotjiet żgħar, skond ma nistgħu, huma għal xi wħud, forsi, il-prova l-aktar konkreta ta' l-imħabba għall-parroċċa. Li ma kienx għall-flus li ngħataw matul is-snin, il-bażilika ta' San Ġorġ ma konniex ingawduha u ċ-Ċentru Parrokkjali, l-istazzjon tar-radju u d-dar tal-kleru, ma konniex nibnuhom. Imma grazzi għall-għotjiet kbar u żgħar li qatt ma qatgħu, il-lum għandna dak li għandna u, jekk Alla jrid, għad ikollna. Jgħidu l-qaddisin: meta nagħtu, aħna nirċievu.

**Nibnu l-preżent b'ħarsitna 'l quddiem**
Is-sena 2005 issa waslet fi tmiemha u qegħdin fil-bieb ta' sena ġdida. Din is-sena l-ġdida qed iġġib magħha okkażjoni ta' tiġdid fil-Knisja lokali, u allura wkoll fil-Parroċċa tagħna, bid-don ta' isqof ġdid fil-persuna ta' l-E.T. Mons. Mario Grech. It-tiġdid, minnu nnifsu, jissoponi kontinwazzjoni. Bħalma jiena bħala arċipriet fit-tiġdid li għalih ħdimna (li, kif għidt jissoponi kontinwazzjoni), rajt u apprezzjat il-ħidma ta' l-arċiprieti, ta' qabli, ewlieni fosthom Mons Salv Borg, hekk ukoll, bla dubju, Mons. Grech, bħala isqof, fit-tiġdid li jissoponi kontinwazzjoni qed jara u japprezza l-ħidma ta' l-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof Djoċesan għal bosta snin u l-Ewwel Dekan tal-Bażilika ddedikata lill-Protettur ta' l-Għawdxin. Is-sejħa tagħna bħala Parroċċa diġa ħassejniha. Nilqgħu b'ferħ id-don ta' l-isqof fostna u miegħu, il-bennej ewlieni, aħna s-saċerdoti u l-lajċi voluntiera fil-parroċċa ta' San Ġorġ, nibnu l-preżent fuq dak li nbena fl-imgħoddi. Nagħmlu dan b'ħarsitna mimlija tama fil-ġejjieni u b'ħidmietna msejsa fi Kristu għax, tgħidilna l-Iskrittura, "Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar għalxejn jitħabtu l-bennejja."

**Stedina**
Din il-ħarġa qed taslilkom ftit jiem biss qabel il-Milied 2005 u bi tħejjija għas-sena l-ġdida 2006. Nistedinkom, għeżież qarrejja, parruċċani u ħbieb ta' San Ġorġ: ħobbu l-parroċċa, komplu ħobbuha bħalma ħabbewha l-antenati u bħalma jħobbuha l-benefatturi tagħna, ikbru fl-imħabba tagħha u tistħux tgħidu li f'dan is-sens, intom Ġorġjani. Ħa jistħi min jgħid il-kuntrarju. Li tkun Ġorġjan m'hux fanatiżmu. Imma hu identità u disponibbiltà għall-imħabba ta' Ġesù, fuq l-eżempju ta' San Ġorġ u f'għaqda misterjuża miegħu. Niltaqgħu fil-quddies u l-funzjonijiet sbieħ li ġejjin. Stedina li darkom qed tagħmel lill-familja kbira tagħna.

# Rokna għat-Tfal



Għeżież tfal,

Insellmilkom u nagħtikom merħba. Nittama li tinsabu tajbin. Iż-żmien għaddej ġmielu u diġà għadda l-ewwel term ta' l-iskola. Bil-festa tal-Milied tiġi fi tmiemha wkoll sena oħra. Meta wieħed iħares lura jrid jara fejn seta' naqas u jagħmel proponiment li matul is-sena 2006 isewwi l-iżbalji ta' l-imgħoddi. Mill-iżbalji titgħallem. L-importanza hi li tkun deċiż li ma terġax tirrepetihom u taħrab dik il-kumpanija ta' "ħbieb" li ma għamlulek l-ebda ġid. *"Where there is a will, there is a way!"* jgħidu l-Ingliżi, u jiena ċert li dan l-proverbju tafuh. Fil-ħajja trid tiżen kollox bil-għaqal biex fl-aħħar tkun tista' tasal għal deċiżjoni tajba. "Min jaqta' bla ma jqis, minn pezza ma joħroġx qmis", kienu jgħidu l-antiki tagħna. Intom jista' jiġrilkom l-istess jekk ma taħsbux b'moħħkom. Ċert li matul il-jiem tal-Milied kulħadd jifraħ u jiddeverti. Wara kollox din hi festa ta' ferħ u paċi li tgħaqqad lil familja kollha. Jintefqu ħafna flus f'ikliet, *parties* u rigali. Sewwa li naħsbu wkoll f'dawk inqas komdi minna u ngħinuhom mill-aħjar li nistgħu għax dawn huma proxxmu wkoll u għandhom id-dritt li jifirħu wkoll.



Żgur li lkoll tafu li l-gżira tagħna issa għandha Isqof ġdid li għalkemm twieled l-Qala, trabba u kiber fir-raħal qrib ta' Kerċem fejn kien ukoll Kappillan għal xi żmien. Sewwa li nitolbu għalih u nagħtuh merħba sabiħa meta jżur il-parroċċa tagħna. Nagħtihulkom bħala saċerdot bravu u twajjeb. Jien nafu sew għax kont ngħallmu l-Malti l-liċeo. Ma rridux ninsew nitolbu wkoll għal Isqof Cauchi li żgur tafuh sewwa. Ċert li hu għamlilkom il-Griżma u takom l-Ewwel Tqarbina.

Għal-lum daqshekk. Kunu dejjem bravi, eżemplari u lesti biex tgħinu lil min jitlobkom xi għajnuna.Ciao tfal!

*Iz-Ziju Joe*

# Kunċert Annwali tal-Banda Ċittadina "La Stella"

Bħas-snin preċedenti, il-kunċert annwali tal-Banda *La Stella* kien parti integrali tal-festival tant prestiġjuż *Mediterranea*. Din is-sena l-istess Programm kien imżewwaq minn mużika klassika u mużika moderna. Il-Programm ġie mtella' ġewwa t-Teatru Astra nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 2005.

L-ewwel silta mużikali kienet dik ta' *Parade of the Charioteers* miktuba mill-kompożitur tant magħruf Miklos Rozsa. Din is-silta nkitbet għall- film *Ben Hur*. Miklos Rozsa huwa bla dubju ta' xejn wieħed mill-kompożituri li ser jibqa' jissemma għal kompożizzjonijiet tiegħu, l-iktar fl-industrija tal-films.

*Romance in Ab* miktuba mill-exeks-assistent surmast Sunny Galea kienet it-tieni silta fuq il-programm. F'din is-silta mużikali daqqew bħala solisti Mario Galea fuq il-klarinett u Anton Sacco fuq l-ewfonju. Is-surmast Sunny Galea serva lill-banda *La Stella* għal iktar minn ħamsin sena bħala bandist kif ukoll bħala assistent surmast għal dawn l-aħħar snin.

Il-programm kompla din id-darba bselezzjoni meħudha mill-opra lirika *Andrea Chenier* tal-kompożitur U. Giordano. Il-Banda *La Stella* dejjem żammet it-tradizzjoni li fil-programm Annwali tagħha ddoqq selezzjonijiet minn opri liriċi. F'din is-silta smajna diversi *arias* u melodiji mqassma fuq diversi solisti. Is-solisti f'din is-selezzjoni kienu Christian Abela fuq il-flicorno soprano, Mark Schembri fuq l-althorn, Anton Sacco fuq l-ewfonju, u Joe Cini fuq is-saxophone Tenore. L-iktar solisti imponenti f'din is-selezzjoni kienu Anton Sacco u Mark Schembri li taw interpretazzjoni mill-aqwa.

*The Student Prince* kienet ir-raba' kompożizzjoni fil-programm ta' din is-sena. Din il-kompożizzjoni miktuba minn S. Romberg hija selezzjoni meħuda minn *musical* ta' Broadway. Is-selezzjoni tikkonsisti f'passaġġi romantiċi b'armonija u melodiji mill-isbaħ. Is-solisti għal din is-selezzjoni kienu George Camilleri fuq il-flawt, Christian Abela fuq il-flicorno Sopran u Anton Sacco bl-ewfonju. Christian Abela ta interpretazzjoni tajba ħafna f'diversi passaġġi prominenti tas-selezzjoni.

Karatteristika oħra li nsibu fil-programmi tal-Banda *La Stella* hija xi kompożizzjoni tas-surmast direttur attwali tal-Banda, il-Prof. Joseph Vella. Kien proprju ħamsa u tletin sena ilu li wiret id-direzzjoni tal-Banda *La Stella* minn missieru, il-mibki Mro. Ganni Vella. Fil-programm ta' din is-sena indaqqet l-*overture In Omaggio*. Din l-*overture* hekk festiva hija bbażata fuq armoniji mill-aqwa.

Il-*Marcia Slava* ta' Peter Ilich Tchaikovsky kienet l-aħħar silta mużikali għal dan il-programm. Silta mill-isbaħ li nkitbet biex tfakkar il-vittmi tat-Turkija fit-taqbida tal-Balkani. Il-kompożitur huwa magħruf sewwa għas-siltiet mużikali klassiċi u romantiċi. Il-banda *La Stella* interpretat din is-silta b'mod mill-iktar eċċellenti b'ritmi qawwija bbażati l-iktar fuq is-sezzjoni tar-ramm.

Il-Banda *La Stella* għal darba oħra kienet taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur il-Prof. Joseph Vella. Ix-xenografija tal-palk kienet f'idejn is-sinjuri Joseph Cauchi u Carmel Zammit filwaqt li l-arranġamenti tal-fjuri saru mis-sinjura Miriam Attard. Għall-kunċert attendew uħud mill-ogħla awtoritajiet tal-gżejjer Maltin fosthom l-iSpeaker tal-Kamra tad-deputati l-Onor. Anton Tabone u l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Kienu preżenti ukoll il-President u l-membri tal-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* kif ukoll l-Arċiprtiet Mons. Guzeppi Farruġia u d-direttur spiritwali Mons. Salv Borg. L-attendenza tas-soċi u mistednin oħra kienet waħda tajba ħafna.

**Fil-Ħarġa li jmiss**



***Intervista ma' Mons. Ġużeppi Farrugia fuq l-operat tiegħu bħala Arċipriet***



***Feature fuq iċ-Ċentru Parrokkjali***